MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 12/2008

**Anthony Borg**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta’ Settembru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tas-17 ta' Lulju 2007 li permezz taghha Anthony Borg intalab jirrifondi ammont li huwa kien irceva bhala ghajnuna socjali ghal perijodu hemm indikat, kif ukoll l-appell prezentat mil-legali tieghu li dahal fit-2 ta' Awissu 2007.

> Ra wkoll in-nota tal-legali ta' Borg fejn ghamel riferenza ghal kuntratt ta' permuta li sar f'Lulju 1997; jidher li l-art mibdula kienet giet akkwistata minghand l-istess parti sentejn qabel.
>
> Irrezulta li d-Dipartiment ha din id-decizjoni wara investigazzjoni dipartimentali u fid-dawl ta' zewg kuntratti li juru li huwa flimkien ma' martu ddonaw liz-zewg uliedhom, zewg propjetajiet li skond l-istess kuntratti kellhom valur minnhom stmat fl-ammont ta' Lm20,000 l-wiehed.
>
> Illi waqt it-trattazzjoni xehdet ukoll il-mara tal-appellant li spjegat li l-flus biex inbena l-gebel u saqaf li kien giet donat, kienet qed tircevihom minghand ommha, jew li kienu intirtu mill-imsemmija ommha li mietet xi tnax-il sena ilu; dan ma jidhirx fl-applikazzjonijiet maghmula mill-appellanti; irrezulta li b'dawn l-assi l-appellant ma informa lid-dipartiment bl-ebda mod, ghalkemm dan kien obbligu tieghu.
>
> Mill-provi prodotti jirrezulta li l-appellanti u martu fil-perijodu in kwistjoni kellhom assi li jissuperaw il-massimu konsentit u f'kull kaz iddisponew minn assi li kienu taghhom u ghalhekk id-decizjoni tad-Dipartiment kienet gustifikata u l-appell ghandu jigi michud.”

L-appell ta’ Anthony Borg minn din is-sentenza hu redatt f’dawn it-termini:-

(1) L-Arbitru ma apprezzax il-fatt illi z-zewg proprjetajiet donati lill-ulied ma kellhomx, ghal dak li hu l-valur taghhom, jittiehdu in konsiderazzjoni ghal fini tal-ghoti ta’ l-ghajnuna socjali;

(2) Hu kien informa lid-Direttur bil-moviment taz-zewg proprjetajiet u, ukoll, bil-provenjenza tal-flus biex dawn setghu jinbnew. Isostni li d-Dipartiment kien diga` zmien qabel ikkonduca l-investigazzjonijiet tieghu u, ghalkemm issospendielu l-ghajnuna ghal xi xhur, rega’

kompla bl-ghoti ta’ din l-ghajnuna. Jikontendi, allura, illi d-decizjoni ta’ issa da parti tad-Direttur ma kienetx gustifikata;

(3) Saret applikazzjoni hazina tal-ligi ghaliex, in vista tat-trapass taz-zmien, it-talba tad-Direttur ghar-rifuzjoni kienet preskritta;

L-aspetti saljenti tal-provi f’dan il-kaz huma, fil-qosor, is-segwenti:-

1. L-appellanti ressaq talba ghall-Ghajnuna Socjali fl-1986 u beda jircievi l-beneficcju relattiv. Dakinhar huwa iddikjara li ma kellu ebda assi kapitali u la flus fil-Bank jew fl-idejn u lanqas proprjeta` immobiljari;

2. B’ittra tas-7 ta’ Awissu, 2007 id-Dipartijiet baghat javza lill-appellanti illi hu kien thallas izzejjed f’ghajnuna socjali is-somma ta’ €41,719.52 ghall-perijodu ta’ ghaxar snin mill-14 ta’ Lulju, 1997 sal-15 ta’ Gunju, 2007. Biex wasal ghal din id-decizjoni d-Direttur ikkampa ruhu fuq l-Investigation Report tad-Direttorat tal-Frodi fi hdan il-Ministeru tas-Sigurta` Socjali;

3. F’dan ir-Rapport jinghad *inter alia* illi l-appellant kien b’zewg kuntratti separati datati 18 ta’ Novembru, 2003 iddona lil uliedu z-zewg proprjetajiet fi Triq Caravaggio, Gharghur. Jinghad ukoll illi l-appellanti ma kienx informa lid-Dipartijiet dwar dawn iz-zewg proprjetajiet;

4. Dan il-fatt hu kkonfermat mill-esibizzjoni taz-zewg kuntratti msemmija. Gie prodott ukoll kuntratt iehor ta’ l-14 ta’ Lulju, 1997 li permezz tieghu l-appellanti u martu ppermutaw ma’ Mario Grech fond taghhom bl-isem “The Coral”, Triq il-Kied, Gharghur ma’ plot numru disgha sitwata fl-istess triq. Kien fuq din il-plot li huma eventwalment bnew id-dar taghhom u z-zewg proprjetajiet donati fi stat “gebel u saqaf” liz-zewg uliedhom;

5. Mill-Verbal tas-seduta tas-16 ta’ Lulju 2008 quddiem l-Arbitru jinghad, fuq dak iddikjarat minn mart l-appellanti, illi l-flus biex inbnew iz-zewg postijiet inghataw lilha minn ommha. Jinghad ukoll illi l-omm mietet fl-1990;

Dawn huma in succint l-elementi kollha tal-provi li johorgu mill-inkartament. Jigi mill-ewwel osservat illi, bil-kontra ta' dak dedott mill-appellanti, minn ebda rizultanza probatorja ma jista' jigi individwat dak l-element li jsostnu l-asserzjoni ta' l-appellanti illi d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kellu gharfien tad-donazzjonijiet maghmula u tal-provenjenza tal-flus biex giet zviluppata l-plot minn xi investigazzjoni ohra kondotta zmien qabel. Taht dan il-profil c-censura ta' l-appellanti fil-konfront ta' l-Arbitru ma tistax titqies legittima u, wisq anqas, gustifikata. Meta l-Arbitru stharreg gudizzjarament l-elementi tal-provi li kellu quddiemu l-konkluzjoni tieghu ma setghetx hlief tkun dik li wasal ghaliha;

Jirrizulta bhala fatt mistqarr illi l-appellanti jew martu kellhom, fil-kors tal-ghoti tal-Ghajnuna socjali, somma ta' flus li huma naqsu li jaghtu taghrif dwarha lid-Dipartiment. Naqsu wkoll milli jikkomunikaw lill-istess Dipartiment illi zewg proprjetajiet li huma kienu bnew b'dawk l-istess flus ghaddewhom lil uliedhom b'donazzjoni irriversibbli;

Koncettwalment, huwa indiskuss illi l-att ta' donazzjoni jaqa' f'dik il-kategorija ta' l-atti ta' gratuwita li l-appellanti u martu kienu dejjem liberi li jaghmlu, jekk xtaqu li jarrekaw vantagg ekonomiku lill-ulied beneficcjati minnhom. Fl-istess waqt, pero`, dak l-istess att ta' donazzjoni kien jissinjifika ghalihom bahala donanti d-depawperament taghhom b'mod li l-valur tal-proprjetajiet donati ma baqax fil-patrimonju taghhom u dan ghadda, flimkien mat-trasferiment tad-drittijiet reali fuq l-immobbli, ghand l-ulied donatarji;

Issa meta din il-qaghda guridika tigi prospettata fil-qafas tal-ligi tas-Sigurta` Socjali, ankorke l-konjugi Borg kienu hekk liberi li jaghmlu dawk l-atti ta' donazzjoni,fl-istess waqt ma kienux liberi li jonqsu mill-obbligu li jattiraw l-attenzjoni tad-Direttur appellat dwar l-ezistenza ta' dawk il-proprjetajiet u ta' l-ammont tal-flus ricevuti biex dawn inbnew. Jekk mhux ghal haga ohra, biex l-istess Direttur

ikun f'posizzjoni li jirrivalwa jekk il-qaghda ta' l-assi kapitali taghhom kienetx inbiddlet b'mod li gie li nqabzet l-iskala massimali prefissa mil-ligi ghall-kontinwazzjoni tal-ghoti tal-ghajnuna socjali. Tali oneru li jgharraf lid-Direttur appellat b'kull kambjament tal-qaghda ekonomika tieghu kien certament jaggrava fuq l-appellanti u jekk dan ma ghamlux, ma jistax ilum lid-Direttur, jew lill-Arbitru, li skond dak riskopert mill-precitati atti ta' donazzjoni jimponi fuqu bl-applikabilita tal-ligi, u apparti l-waqfien *en nunc* tal-ghajnuna, l-inkombenza tar-riversament ta' l-ammont ta' ghajnuna recepita indebitament;

Kif gja rrilevat minn din il-Qorti f'decizjonijiet precedenti taghha, il-kondotta li kellu jsegwi u jhares l-appellanti kellha tkun dik tad-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja, "gjaladarba f'dawn id-dati kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita` in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali" ("**Anthony Chetcuti *et* -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 19 ta' Mejju, 2004). In bazi, ghall-provi attendibbli din id-diligenza hi mankatni ghal kollox f'dan il-kaz;

Naturalment din il-Qorti ma tistax tokkupa ruhha mill-gravam tal-preskrizzjoni billi l-Qorti ma tistax, *ex officio*, taghti effett ghall-preskrizzjoni li l-appellanti ma specifikax liema hi. Ara Artikolu 2111 Kodici Civili u "**Borg -vs- Farrugia *nomine et***", Appell Civili, 15 ta' Marzu, 1957.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjez relattivi ta' din l-istanza jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------